**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Ottubru 2020**

**Rikors Numru : 138/2020 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**GW**

**Vs**

**LW**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' GW datat 21 ta' Mejju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti GW iżżewweġ lil LW nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u wieħed (2001) ġewwa l-Paroċċa ta' Saint Patrick's ġewwa Tas-Sliema (ċertifikat taż-żwieġ esebit, anness u mmarkat Dok A);*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Elaine Farrugia nhar l-għoxrin (20) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019), kuntratt esebit, anness immarkat Dok B;*

*Illi miż-żwieġ ta' bejn il-partijiet twieldet tifla AW nhar X u għadha minorenni;*

*Illi b'riferenza għall-paragrafu nnumerat tlettax (13) tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-esponenti jiddikjara li ma jeżistu l-ebda pendenzi rigward manteniment (vide Dok B);*

*Illi inoltre l-ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-konjugi kif jixhed paragrafu*

*numru tnejn (2) tal-kuntratt ta' separazzjoni (vide Dok B);*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, tant illi kull waħda mill-partijiet tgħix ħajja totalment separata minn xulxin, inoltre paragrafu innumerat sebgħa u għoxrin (27) jindika li l-partijiet ilhom separati de facto sa' mis-sena elfejn u tlettax (2013) ;*

*Illi għalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti GW jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet.*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ġuramentata ta' LW datata 15 ta' Lulju 2002 a fol 21, li taqra hekk:

1. *Illi mhux ikkontestat li l-partijiet iżżewwġu fid-29 ta' Settembru 2001 u sseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Elaine Farrugia nhar l-20 ta' Ġunju 2019;*

2. *Illi l-esponenti taqbel li ma hemm l-ebda pendenzi dwar il-manteniment tal-bint A stante li hija regolarment tħallas l-istess;*

3. *Illi l-esponenti taqbel ukoll li l-ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-kontendenti kif ukoll illi huma ilhom jgħixu ħajja separata de facto minn ma' xulxin sa' mis-sena 2013 u dan kif anke jirriżulta minn klawsola 27 tal-kuntratt ta'*

*separazzjoni;*

4. *Illi l-esponenti taqbel ukoll illi m'għad hemm ebda ċans ta' rikonċiljazzjoni bejnha u r-rikorrenti;*

5. *Illi l-esponenti permezz tal-preżenti iġġib a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi hija trid iżżomm kunjomha ta' miżżewġa, ossia W;*

6. *Illi l-esponenti għaldaqstant ma topponix għat-talba għall-ottjeniment tad-divorzju, għalkemm topponi għall-ispejjeż tal-proċeduri odjerni.*

Rat id-digriet taghha datat 15 ta' Lulju 2020, li permezz tieghu gie korrett l-isem tal-attur li ghandu jinqara GW (vide fol 19);

Ezaminat ix-xhieda moghtija bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**LW** xehdet (Vide affidavit a fol 22) illi l-partijiet iżżewwġu fid-29 ta' Settembru 2001 u li minn dan iż-żwieġ twieldet tifla, li għadha minorenni. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament fl-20 ta' Ġunju 2019, pero huma kienu ilhom jgħixu separati minn xulxin mis-sena 2013. Illi l-partijiet qablu li ma jħallsux manteniment lil xulxin. Ikkonfermat ukoll illi hija tmantni lit-tifla u dan il-manteniment jitħallas regolarment u ma hemm ebda arretrati tal-istess. Finalment xehdet ukoll illi ma hemmx ċans ta' rikonċiljazzjoni u għalhekk hija taqbel mat-talba għad-divorzju.

**GW** xehed a fol 24 u kkonferma u kkorobora ix-xhieda ta' **LW**.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-29 ta' Settembru 2001 (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla waħda, li għadha minorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Elaine Farrugia datat 20 ta' Ġunju 2019 (vide Dok. B fol 5 et seqq.) Jirriżulta ukoll minn paragrafu innumerat sebgħa u għoxrin tal-kuntratt ta' separazzjoni personali tal-partijiet illi l-

partijiet ilhom *de facto* separati sa' mis-2013, u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi. Dan l-istat ta fatt gie wkoll ikkonfermat mil-lintimata fix-xhieda taghha a fol 22.

Jirrizulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**